# Qniepen b'rabta ma Santa Katarina ta' Lixandra fil-gżejjer Maltin

*Robert Cassar B.A. (Hons.) Hist. Of Art*



Taċ-Ċerimonji - Żurrieq

Il-manifattura tal-qniepen biex jintużaw għall-kult reliġjuż jmur lura għal meta il-Kristjani bdew jipprattikaw ir-reliġjon Kattolika fil-beraħ. Wara li kienu ngħataw il-libertà mill-Imperatur Ruman Kostantinu, bdew jibnu knejjes biex jiltaqgħu fihom u jwettqu id-dmirijiet reliġjużi tagħhom. Bħala mezz ta' sejħa lill-fidili għar-rit reliġjuż, bdew jimmanifatturaw qniepen żgħar biex jiddendlu u jindaqqu fil-kampnari tal-knejjes. Dawn il-qniepen barra li kienu jiġu kkonsagrati lil Alla, kienu jiġu ddedikati lil xi qaddis jew qaddisa. Dan il-fatt għadu jsir sa llum fejn kull qanpiena hija, mgħammda ndividwalment u mogħtija isem. [1] Fil-medjuevu, il-fondituri tal-qniepen bdew jiddekoraw il-qniepen b'riljevi mqabbża ta' qaddisin jew xeni mill-iskrittura. Fost il-qaddisin li nsibu rappreżentati hemm Santa Katarina ta' Lixandra, li fil-parti l-kbira naraw rappreżentata figura ta' tfajla żżomm palma u rota miksura maġenba. F'xi każijiet rari nsibu r-ras ta' Musulman maġenb saqajha.

Fost l-eqdem qniepen fil-gżejjer Maltin b'dedikazzjoni għal Santa Katarina ta' Lixandra nsibuhom fiż-żewġ parroċċi ddedikati lilha, jiġifieri fiż-Żurrieq u fiż-Żejtun. Dan il-fatt juri d-devozzjoni antika li dawn iż-żewġ irħula dejjem kellhom lejha. Il-qniepen li sejrin jissemmew f'dan l-artiklu kollha għadhom jeżistu u wieħed ma jridx jeskludi li seta' kien hemm xi qniepen oħra ddedikati lil Santa Katarina li ddewbu għax inkisru jew biex isiru qniepen oħra. Fatt bħal dan ġara darbtejn fil-parroċċa taż-Żurrieq, meta l-qanpiena l-kbira li saret fl-1746 fil-Funderija ta' l-Ordni tal-Kavallieri nqasmet. [2] Fl-1770 saret qanpiena kbira oħra ġewwa Venezja. [3] Din ixxaqqet ukoll u saret dik li hemm illum fl-1788 mill-aħwa Franġisk u Ġwakkin Triganza fil-Funderija ta' l-Ordni. Din il-qanpiena li jgħidula **l-kbira** saret ma dik li tissejjaħ **il-fustanija**. Il-qanpiena l-kbira barra li fiha l-immaġini ta' Santa Katarina, hemm Kurċifiss fuq in-naħa l-oħra. Għanda n-nota C(Do) u tħallset mill-poplu kif hemm miktub fl-iskrizzjoni ta fuqha. [4] Il-fustanija imbagħad fiha l-Immakulata Kunċizzjoni u 'l Santa Katarina fuqha. Għanda n-nota

*1 - Alberto Serafini, Torri Campanarie de Roma e del Lazio nel Medioevo, Roma, 1927, Vol. I., PP...*
*2 - Anthony Mangion, "Ġrajja ta' Żewġ Qniepen", in Festa Santa Katarina Żurrieq 1988, Malta, P. 9*
*3 - Ibid., P.11*
*4- L-iskrizzjoni tgħid: "Aes popvli hoc edidit aes / fratres trigance fecervnt anno dni. 1788"*

D(Re) u tħallset spejjeż tal-knisja. Dawn iż-żewġ qniepen tbierku il-Ħadd 24 t'Awissu 1788 minn Mons. Isqof Vincenzo Labini fil-knisja ta' San Publiju fil-Furjana. [5]

L-eqdem żewġ qniepen fiż-Żurrieq saru fl-1653. Dawn saru minn Antonino Guierrera ġewwa Messina fi Sqallija. Iż-żgħira fosthom tissejjaħ **taċ-ċerimonji** filwaqt li l-oħra tissejjaħ **l-antika** peress li kienet il-kbira l-antika ta' qabel li hemm illum. Din fiha x-xbieha ta' Santa Katarina b'xabla u ras Massiminu ħdejha. Fuq in-naħa l-oħra hemm il-Kunċizzjoni mdawra b'sitt wardiet. Illum il-ġurnata, fuq din il-qanpiena jdoqq l-arloġġ tal-knisja u għandha nota ta' A(La). [6]


*L-Antika - Żurrieq*

Il-qanpiena taċ-ċerimonji hija l-iżgħar fil-kampnari tal-knisja parrokkjali imma b'importanza li tissupera lill-oħrajn kollha. Fiha x-xbieha ċkejkna ta' Santa Katarina u hemm figura oħra li tista tkun ta' San Ġużepp. Għandha n-nota mużikali C(Do). Din tindaqq f'okkażjonijiet speċjali li jinkludu l-festa titulari, l-ewwel quddiesa ta' saċerdoti novelli, pussessi ta' l-arċiprieti u fit-tnejn ta' Novembru. Barra id-daqq mal-qniepen l-oħra fil-moti din tintuża flimkien mal-qanpiena ż-żgħira biex tindaqq il-mota msejħa **taċ-ċerimonji**. Din tiftaħ u tagħlaq il-moti ta' nhar il-festa u l-okkażjonijiet l-oħra msemmija. [7] Il-bidu ta' din it-tradizzjoni huwa wieħed mistur fiż-żmien. Xi ħjiel għall-iskop u t-tifsira tad-daqq taċ-ċerimonji nistgħu nsibuha fi qniepen fl-Ewropa msejħa 'tocsin' jew aħjar tan-nafra. Barra il-funzjoni li tħabbar il-festi, din il-qanpiena kienet issemma' leħinha waqt xi katastrofi li tkun qed tiġri fir-raħal, bħal xi mewġa tal-pesta, maltemp, nirien jew attakk mill-għadu, bħall-furbani li kienu jattakkaw l-irħula Maltin. Dawn it-tip ta' qniepen aktarx kienu jindaqqu biex javżaw in-nies biex tmur tistaħba mill-furbani jew tistkenn fil-maltemp. Il-funzjoni oriġinali tal-qanpiena taċ-ċerimonji naqas ħafna. Aktarx li din it-tradizzjoni kienet imxerda ma' Malta kollha l-aktar f'dawk l-irħula mdawra mal-kosta. Taċ-ċerimonji għadha tindaqq biss fil-Gudja barra miż-Żurrieq. Sa ftit tas-snin ilu kienet tindaqq ukoll fil-Għargħur u f'Bormla.

---

*5 - Anthony Mangion, op. cit., PP. 15-17*
*6 - Ibid., P.7*
*7 - Ibid., P.8*


*Tal-Quddies - Żurrieq*

Qniepen oħra fiż-Żurrieq b'rabta ma' Santa Katarina hija dik imsejħa **ż-żgħira**. Din fiha l-arma ta' l-Isqof Davide Cocco Palmeri u fuq in-naħa l-oħra fiha medaljun żgħir li juri ż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina. Għandha nota ta' B Flat (Si Bemolle) u tindaqq il-quddiesa biha. Din saret fl-1692 [8] aktarx mill-funditur Pietro Sances.

L-eqdem qanpiena li għadha tezisti fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun tmur lura għas-sena 1735. Din saret fil-Funderija ta' l-Ordni flimkien ma' oħra [9] li kienet iddewbet fl-1946. Saru fi żmien il-Kappillan Don Lorenzo Mallia li kien mill-Birgu. Tħallset minn flus il-poplu u saret biex idoqq l-arloġġ fuqha [10] u hija magħrufa bħala **l-Mitquba**. Fiha ix-xbieha żgħira ta' Santa Katarina b'ras Musulman ħdejn saqajha. Fuq in-naħa l-oħra jidher li hemm figura ta' raġel liebes mitra, aktarx San Girgor. Santa Katarina tidher ukoll fuq il-qanpiena msejħa **l-Klawdin**. Din saret fl-1845 aktarx minn Salvatore Cauchi u ddoqq għall-quddies. Barra l-immaġini ta' Santa Katarina, fiha dawk ta' San Klawdju , Sant'Anna u San Vincenz Ferreri. Fiha wkoll l-arma tal-familja Abela li tagħha Klawdju Abela kien benefattur.

Fl-1879, il-Kappillan taż-Żejtun Gio Maria Tabone u l-prokuratur Dun Frangisk Saverio Mifsud ordnaw qanpiena mingħand il-Funderija ta' l-aħwa Boero ġo Genova u l-flus għaliha ġew miġbura mingħand il-poplu. [12] Hija magħrufa bħala **l-Ġdida**. Fiha riliev ta' Santa Katarina magħmula fuq l-istatwa ta' ġo l-Knisja u Kurċifiss fuq in-naħa l-oħra. Din il-qanpiena hija ddekorata mad-dawra tagħha b'diversi basktijiet ta' frott, uċuħ ta' anġli, girlandi u weraq. Il-qanpiena l-kbira taż-Żejtun ukoll fiha l-immaġini ta' Santa Katarina. Din hija akkumpanjata minn San Ġużepp u l-Immakulata Kunċizzjoni. Mad-dawra tagħha hija ddekorata b'diversi girlandi u anġli. Saret fl-1885 minn Giuliano Cauchi li kien jaħdem il-qniepen Ghajn Dwieli. Għandha piż ta' 33 qantar u 17-il ratal b'nota ta' Si naturale.
Fl-1932 id-Ditta Baricozzi ta' Milan ħadmet sett ta' ħames qniepen għall-

*8 - Ibid*
*9 - Arkivju Parrokkjali Żejtun, MS 268, Esito Introito della Ven. Lampada Della Terra Zeitun, f.52r.*
*10 - Mill-iskrizzjoni ta' fuqha li tgħid, "1735 A gloria di Dio si fece questa campana dell orologio con le elemosine di questo devoto popolo Zeiton raccolte dal Parroco D. Lorenzo Mallia della citta Vittoriosa".*
*11 - Fuqha hemm miktub, "Donum Claudii Abela A.D. MDCCLIV"*
*12 - Mill-iskrizzjoni li tgħid, "Rifatta ed accresciuta per contribuzione del Popolo l'an 1879 sotto il parroco Gio Maria Tabone / ed il procuratore Sac D. Fr. Saverio Mifsud".*

parroċċa ta' Sannat, Għawdex. Fosthom insibu t-tielet iddedikata għal Santa Margerita u għandha xbihat ta' din il-qaddisa, ta' Santa Katarina ta' Lixandra u ta' Sant'Agata, kollha qaddisin nisa martri. Fuqha hemm ukoll Kurċifiss. Għandha n-nota mużikali Mi u tiżen 11-il qantar u nofs. Hija magħrufa bħala **tal-Quddiesa**. [13] Id-Ditta Baricozzi ħadmet qanpiena oħra bix-xbieha ta' Santa Katarina. Din saret fl-1958 għal Knisja ta' Santa Katarina, aktar magħrufa bħala Tad-Daħla fir-Rabat. Qanpiena msemmija għal Santa Katarina nsibuha f'Ħal Lija. Din hija it-tieni waħda mis-sett ta' ħamsa li saru fl-1947. Din il-qanpiena għandha piż ta' 651 ratal u nota G. Tħallset minn Dr. P.P. Galea. [14] F'sett ieħor ta' qniepen li saru għall-parroċċa ta' Birżebbuġia fl-1969, insibu qanpiena oħra msemmija għal Santa Katarina. Din hija ż-żgħira minn sett ta' ħamsa li saru mid-Ditta Petit & Fristen, Aarle, Rixtel, ġewwa l-Olanda. Din tħallset minn Caterina Abdilla. [15]



*Tal-Klawdin - Żejtun*



*Il-Mitruba - Żejtun*

Fl-aħħarnett ġewwa Ħal Qormi fil-parroċċa ta' San Bastjan insibu żewġt iqniepen iddedikati għal Santa Katarina. Dawn jagħmlu parti mis-sett ta' tmint iqniepen li saru fl-1998. Bħala parti mis-sett li jdoqq fil-moti nsibu it-tielet qanpiena li jisimha Katerina għall-benefattura tagħha Catherine Borg. Għandha piż ta' għaxart iqnatar b'nota mużikali ta' F. [16] Il-qanpiena ż-żgħira ta' l-arloġġ ukoll jisimha Katerina peress li flimkien mal-qanpiena l-oħra ta' l-arloġġ tħallset mill-koppja Joseph u Catherine Mercieca. [17]

Din il-ġabra ta' qniepen iddedikati lil Santa Katarina ta' Lixandra ma teskludix oħrajn li jistgħu qegħdin mistura f'xi post imwarrab bħal xi knisja li ma għadiex tinfetaħ għall-publiku jew f'xi kollezzjoni privata. Imma b'danakollu, xorta jibqa' l-fatt li d-devozzjoni u l-għarfien ta' din il-qaddisa jinsab f'kull lat tal-knejjes monumentali tagħna, anki fuq il-qniepen li huma 'l bogħod mill-viżjoni ta' kulħadd.

---

*13 - Joseph Bezzina, Sannat fi Ġrajjiet Għawdex, Malta, 1989, P.436.*
*14 - Dun Ġużepp Fenech, "Il-Qniepen Jagħlqu 50 Sena", in Tabor Ħal Lija, 1997, P. 61*
*15 - Mill-iskrizzjoni ta' fuq il-qanpiena.*
*16 - Sliem u Ħajja, Parroċċa San Sebastjan Qormi, Festa 1998, P. 13*
*17 - Informazzjoni mill-iskrizzjoni ta' fuq il-qanpiena.*